MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta ta' l-4 ta' April, 2005

Talba Numru. 424/2005

**International Shoe Company Limited C - 24124**

**Vs**

**Alfred Fenech**

## It-Tribunal

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm649.98c (sitt mija u disgha w erbghin lira Maltin u tmienja u disghin centezmu) rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut, liema ammont baqa' ma thallasx minkejja diversi nterpellazzjonijiet.

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-Ittra Ufficjali datata 26 ta' Marzu 2004, u mghax legali mid-data tan-notifika ta' l-

Avviz tat-talba, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra n-Nota ta’ Ammissjoni pprezentata illum seduta stante li permezz taghha l-konvenut ammetta t-talba tas-socjeta’ attrici.

Jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ Lm649.98c (sitt mija u disgha w erbghin lira Maltin u tmienja u disghin centezmu) bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------